IL-BIRGU

Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 20

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) it-Tnejn 11 ta' Mejju 2020.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant tal-Kunsill

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

## 20.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija

John Boxall - Sindku, Christopher Cassar – Viċi Sindku
Anton Gellel - Kunsillier, Trevor Mizzi - Kunsillier, Jason Portelli – Kunsillier
Christian Lawrence Raggio Vella –Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ma kienx hem ittri ta' apoloġija.

**20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 20 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsillier, approvawhom unanimament.

**20.3 Korrispondenza**

Għal din il-laqgħa ma kien hemm l-ebda korrispondenza.

**20.4 Qari u approvazzjoni tar-Rapport Finanzarjru 2019**

Is-Sur Laurence Manicaro, accountant tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, preżenta r-Rapport Finanzjarju 2019. Huwa ta' spjega dettaljata ta' dan ir-rapport fejn qal li għal darb oħra l-kunsill għalaq is-sena b'*surplus,* naqqas id-dejn li kien hemm u għalaq is-sena b'kontijiet bilanċjati. Dan ir-rapport kien approvat mis-Sindku u l-kunsilliera kollha.

**20.5 Performance Bonus – Ex-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku ressaq għad-diskussjoni s-suġġett tal-performance bonus tal-ex-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Lara Mascena. Wara diskussjoni ġie approvat unanimament li dan jingħata dak ta' 7%.

**20.6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

20.6.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li s-siġġijiet li kienu qed jiġu restawrati mill-ħaddiema tal-kunsill issa kellhom bżonn foam u cover ġdid. Dawn se jiswew lill-kunsill €15-il wieħed. Il-kunsilliera preżenti qablu li dawn isiru.

20.6.2 Is-Sindku qal li l-armarju l-ġdid fid-daħla qabel tidħol fl-uffiċini tal-iskrivna u s-segretarju Eżekuttiv, kien se jiswa' €1888. Il-kunsilliera qablu li dan isir.

**20.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

20.7.1 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi qal li hemm bżonn li fejn l-iskola ta' De La Salle fi Triq San Dwardu ssir speed camera minħabba l-veloċità eċċessiva ta' sewqan ta' diversi nies li qed toħloq periklu għal min jagħmel użu min din it-triq. Is-Sindku wieġeb li jaqbel ma' din il-proposta u għaldaqstant qal li

għandha tinkiteb ittra lill-Ministru l-Onor. Ian Borg dwar din is-sitwazzjoni. L-kunsilliera qablu kollha. Is-Sindku qal lis-Sur Trevor Mizzi sabiex jilħaq jagħmel kuntatt mal-persuni nkarigati fi ħdan il-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura.

20.7.2 Il-kunsillier Anton Gellel staqsa x'azzjoni ser tittieħed mill-kunsill dwar id-dar li ser tinfetaħ għar-rijabilitazzjoni tal-ħabsin fi Triq Dun Alwig Fenech mill-fondazzjoni Mid-Dlam għad-Dawl. Is-Sindku wieġeb li huwa, s-Sur Christopher Cassar u s-Sur Trevor Mizzi kienu diġà ltaqgħu mal-Onor. Roderick Galdes u diversi persuni oħra fuq dan is-suġġet iżda l-oġġezzjoni tal-kunsill ġiet injorata. Is-Sindku qal li issa kien il-mument li tinkiteb ittra lill-Prim Ministru la darba ħadd ma kien qed jagħti kas l-oġġezzjonijiet tal-kunsill. Il-kunsilliera kollha qablu li din għandha tintbagħat immedjatament.

**20.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta` filghaxija (7.30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 18 ta` Mejju 2020 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati illum: **28 ta' Mejju 2020.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |